**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Gunju, 2020**

**Talba Nru: 321/2018PM**

**Kurt Scicluna (KI 567892(M))**

**Vs**

**Kevin Chircop (KI 194292(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju, 2018 illi permezz tieghu l-attur talab, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, li t-Tribunal jiddikjara li l-intimat huwa

debitur fil-konfront tal-attur fl-ammont bilancjali ta' Eur3,800 jew somma ohra verjuri flimkien mal-imghaxijiet u spejjez mit-12 t'April, 2018 sal-pagament effettiv u jordna lill-konvenut ihallas l-istess somma bilancjali jew somma ohra verjuri flimkien mal-imghaixjiet u spejjez.

Ra d-dokument anness mal-avviz senjatament kopja tal-iskrittura privata datata 11 ta' Lulju, 2017, kopja tal-karta tal-identita` tal-konvenut u ta' ittra legali datata 12 t'April, 2018.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 28 ta' Frar, 2019 li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok l-iskrittura privata prezentata mir-rikorrenti certament li ma tistax tigi meqjusa bhala l-ahjar prova u in vista ta' dan il-fatt ghandha tigi sfilzata ;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jrid jipprova li huwa s-sid tal-vettura in kwistjoni
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-iskrittura tghid verbatim: "*l-venditur nomine qieghed ibiegh, jasenja u jittrasferixxi a favur il-kompratur…*". Jigi precizat li dan m'huwiex minnu, di fatti qatt ma sar it-trasferiment tal-vettura mill-venditur nomine ghal ghand il-kompratur kif ser jirrizulta mix-xhieda li ser jigu mitluba jixhdu
4. Illi dan ifisser li l-bejgh ma sarx u li ghalhekk certament li l-intimat ma jistax jigi mitlub ihallas is-somma indikata ta' oggett (vettura) li fattwalment ma gietx mibjugha lilu stante li ebda trasferiment tal-vettura qatt ma sar
5. Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ingunt in subizzjoni.

   Bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-attur datata 16 t'April, 2019 b'anness l-affidavit tieghu a fol. 36 et. seq tal-process.

Ra n-nota tal-istess attur datata 23 ta' Mejju, 2019 b'anness l-affidavit ta' Alessio Magro a fol. 42 et. seq. tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Karen Cremona u ta' Kurt Scicluna waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta.

Ra li waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju, 2019 it-Tribunal laqa' t-talba ghall-korrezzjoni maghmulha mill-attur fis-sens li n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura kif indikat fl-avviz jigi sostitwit minn JDS378 ghal JDS375 kull fejn jirrikorri kemm fl-avviz u kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.

Sema' x-xhieda ta' Karen Cremona wkoll waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru, 2019 u ra wkoll id-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta. Kompla jisma' x-xhieda ta' Karen Cremona waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2019.

Ra n-nota tal-konvenut datata 5 ta' Dicembru, 2019 li permezz taghha l-istess konvenut informa lit-Tribunal li, soggett ghal dak indikat fl-istess nota, ma kienx ser jinsisti ghall-kontro-ezami tax-xhud Alessio Magro.

Sema' x-xhieda in kontro-ezami tal-attur waqt is-seduta tat-8 ta' Gunju, 2020.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri legali tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna kjarament tirrigwardja talba ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' vettura allegatament mibjugha mill-attur lill-konvenut. L-attur jallega li, mill-prezz patwit skont

il-kuntratt ta' bejgh datat 11 ta' Lulju, 2017 (kopja annessa bhala Dok. A1 a fol. 4 tal-process), il-konvenut wettaq biss l-ewwel pagamenti settimanali u kwindi issa huwa debitur tieghu fir-rigward tas-somma bilancjali ammontanti ghal tlett elef u tmin mitt euro (€3800) u dana wara li ddekada mill-beneficcju tat-terminu.

Illi t-Tribunal ser jittratta u jiddeciedi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fl-ordni li fihom tressqu minnu permezz tar-risposta tieghu.

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut jikkontendi li l-iskrittura privata surreferita relattiva ghall-bejgh tal-vettura "*ma tistax tigi meqjusa bhala l-ahjar prova u in vista ta' dan il-fatt ghandha tigi sfilzata*". It-Tribunal jinnota li f'dawn il-proceduri il-konvenut ghazel li ma jixhidx u kwindi baqa' ma giex imfisser b'liema mod, skont hu, tali skrittura "*ma tistax tigi meqjusa bhala l-ahjar prova*", dana aktar u aktar jekk wiehed jikkunsidra wkoll li l-istess art. 9(2)(b) tal-**Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** li jipprovdi espressament li, fi kwalunkwe kaz, it-Tribunal "*ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova*". Fil-kaz odjern it-Tribunal huwa riskontrat b'kopja ta' skrittura privata evidentement sottoskritta mill-partijiet u li tirrigwardja proprju l-bejgh tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JDS375, liema skittura tinsab annessa mal-affidavit tal-attur u kwindi konfermata minnu stess bil-gurament tieghu. Konsegwentement m'hemm xejn li, mill-provi prodotti, jista' jnissel fit-Tribunal xi dubbju dwar il-kontenut tal-istess skrittura jew dwar il-valur probatorju taghha. Ghaldaqstant huwa car li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Illi permezz tat-tieni, tielet u r-raba' eccezzjonijiet il-konvenut jikkontendi li m'huwiex minnu li sar xi bejgh jew trasferiment ta' vettura mill-attur lill-konvenut u kwindi l-konvenut ma jistax jigi ritenut obbligat li jhallas is-somma mitluba, dana wkoll ghaliex l-attur ghandu jipprova li huwa s-sid tal-vettura. F'dan ir-rigward it-Tribunal jerga jtenni li f'dawn il-proceduri l-konvenut ghazel li ma jixhidx. Min-naha l-ohra l-attur mhux biss xehed imma prezenta wkoll skrittura privata li, kif inghad hawn fuq, tindika kjarament li l-attur kien qed ibiegh, jassenja u jittrasferixi lill-konvenut il-vettura tal-marka Golf MK4

u bin-numru ta' registrazzjoni JDS375. Minkejja l-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut ma jidher li ha ebda azzjoni legali u/jew gudizzjarja sabiex b'xi mod ihassar l-effetti ta' tali skrittura u kwindi fir-rigward taghha ghandu jsib applikazzjoni l-art. 992 tal-**Kodici Civili** li, b'rispett lejn il-principju ta' *pacta sunt servanda*, jipprovdi espressament li:

> « *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.* ».

Tali artikolu, fil-fatt gie regolament interpretat mill-Qrati Taghna bis-segwenti mod:

> « *Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda. Dan iwassal ghall-principju iehor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni.* » **(Fenech Salvu Vs Malta Dairy Products Limited** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 t'Ottubru, 2003, fost diversi ohrajn).

Illi ghaldaqstant huwa car li anke fil-kaz in ezami il-partijiet huma tenuti li jwiegbu ghall-obbligi taghhom kif minnhom stess pattwiti u li, in linea mas-surreferit, jikkostitwixxu l-ligi li tirregola n-negozju ta' bejniethom.

Illi huwa minnu li inizjalment f'dawn il-proceduri l-attur kien indika in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura mibjugha bhala JDS378 imma sussegwentement, waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju, 2019, ir-rapprezentant legali tieghu talab korrezzjoni b'tali mod li tali

numru jigi sostitwit b'dan effettivament indikat fl-istess skrittura u cioe` JDS375. Tali korrezzjoni giet ordnata kull fejn tirrikorri kemm fl-avviz u kif ukoll fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. Huwa minnu wkoll li l-attur stess stqarr li huwa personalment ma jafx x'inhu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura mibjugha minnu imma li, sabiex iddetermina n-numru indikat fl-iskrittura, strah fuq dak li indikalu l-istess konvenut (f'dan is-sens xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tal-8 ta' Gunju, 2020). Huwa minnu wkoll li, minn ricerka imwettqa mir-rapprezentanti tal-Awtorita` ghat-Trasport irrizulta li l-attur m'ghandu ebda vettura bin-numru ta' registrazzjoni JDS375 irregistrata fuq ismu. Madanakollu dan kollu ma jista' jservi bl-ebda mod sabiex jiggustifika l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Huwa l-attur stess li f'dan ir-rigward jikkonferma kemm in ezami, tramite l-affidavit tieghu, u kif ukoll in kontro-ezami li l-vettura mertu tal-kawza odjerna qatt ma kienet registrata fuq ismu u dana ghaliex huwa stess kien ghadu kif akkwista l-vettura li setghet allura tigi registrata direttament ghal fuq isem il-konvenut. Din il-verzjoni tinsab ukoll konfermata mix-xhud Alessio Magro li tramite l-affidavit tieghu jistqarr « *naf li Kurt Scicluna kien ser jaqleb ir-registrazzjoni fuq ismu pero` minhabba li kien inqala' xerrej daqshekk malajr, Kurt Scicluna qalli li kien ftiehem ma' Kevin Chircop biex jaqleb din ir-registrazzjoni u jaghmilha hu stess fuq ismu wara li jsir il-bejgh* ».

Illi, apparti s-surreferit, il-konvenut lanqas jista' jippretendi li jahrab mill-obbligu tieghu li jhallas il-bilanc tal-prezz dovut minnu fuq vettura kjarament mibjugha lilu skont l-iskrittura datata 11 ta' Lulju, 2017 sottoskitta minnu u li tikkostitwixxi, kif inghad, il-ligi bejn il-partijiet billi jikkontendi li t-trasferiment tal-vettura f'ismu ma sarx. Jinsab regolarment deciz li r-registrazzjoni ta' vetturi fi hdan l-Awtorita` ghat-Trasport m'huwiex awtomatikament indikattiv ta' dritt ta' proprjeta` fuq l-istess vettura imma jservi biss sabiex jindika lill-awtorita` kompetenti il-persuna responsabbli ghal tali vettura :

> «*L-iskop tar-regolament hu allura biex jassigura li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata*

> *mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li seta' jigri bl-uzu ta' l-istess vettura. Ir-registrazzjoni u l-licenzja tal-vettura jistghu jkunu elementi ta' prova biex jigi determinat min kien il-proprjetarju taghha pero` dak li hu verament determinanti huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim.* » (**Regina Autodealer Limited v. Miller Distributor Limited** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju, 2002)

Jinsab ukoll deciz li :

> «*Issa hu risaput li transfer ta' licenzja ta' karozza mhux l-istess bhal transfer ta' titolu ghal proprjeta'. It-transfer ta' karozza hu kompletat meta l-partijiet jiffirmaw l-iskrittura privata. It-transferiment ta' proprjeta' ma tiddependiex mir-registrazzjoni ta' l-istess ma' l-awtoritajiet kompetenti.* » (**Anthony Galea v. Gaetano Frendo** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-28 ta' Marzu, 2008)

Illi perdipiu` fil-kaz in ezami hija l-istess skrittura ffirmata mill-istess konvenut li tipprovdi mhux biss li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JDS375 kienet qed tigi mibjugha, assenjata u trasferita lilu mill-attur imma wkoll li « *l-ispejjez kollha konnessi mat-transfer tal-vettura, insurance u taxxa tal-Boll ghandhom jibqghu a kariku tal-kompratur* ». L-attur xehed li tali trasferiment ma sehhx mhux minhabba xi rezistenza da parti tieghu imma, bil-kontra ta' dan, proprju ghaliex il-konvenut ma resaqx sabiex jaffetwa tali trasferiment f'ismu u a spejjez tieghu. Mill-provi prodotti jirriulta min-naha l-ohra, li mhux biss il-konvenut zamm il-vettura imma rriduciha fi stat hazin hafna filwaqt li bdew sahansitra jakkumulaw multi u kontravvenzjonijiet li ghalihom baqa' responsabbli il-persuna li fuq isimha kienet baqghet registrata l-vettura (ara f'dan is-sens l-affidavit ta' Alessio Magro).

Illi konsegwentement il-konvenut ma jista' bl-ebda mod ragjonevolment jikkontendi li ma sehhx il-bejgh u t-trasferiment tal-vettura ; l-ewwelnett ghaliex il-vettura tinsab fil-

pussess tieghu u l-bejgh jinsab pruvat tramite l-iskrittura iffirmata minnu imma wkoll ghaliex, avut rigward ghas-surreferit, *imputet sibi* jekk sal-lum it-trasferiment fi hdan l-Awtorita` ghat-Trasport favur tieghu baqa' ma sehhx.

Ghaldaqstant kemm it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut ma jimmeritawx li jigu akkolti.

Illi finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghat-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-konvenut fejn, permezz taghha, saret referenza ghal nuqqas ta' interess guridiku tal-attur ghaliex l-azzjoni kellha tigi intentata minn Kenneth Magro. Huwa car li t-Tribunal huwa tenut li jikkunsidra biss l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenut permezz tar-risposta tieghu u r-risposta tal-konvenut f'dawn il-proceduri ma tindika l-ebda eccezzjoni fis-sens li l-attur m'ghandux interess guridiku sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna. Jirrizulta wkoll, kif diga` jinsab imfisser hawn fuq, li l-konvenut stess iffirma skrittura mal-attur li permezz taghha iddikjara li qed jixtri l-vettura minghandu u din l-iskrittura tikkostitwixxi l-ligi bejn il-partijiet. Mix-xhieda, kemm tal-attur u kif ukoll ta' Alessio Magro, irrizulta li fil-mument tal-bejgh tal-vettura lill-konvenut l-attur kien is-sid taghha wara tpartit ta' vetturi.

Konsegwentement it-Tribunal isib li l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu u kwindi ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba kif dedotta kontra l-istess konvenut. Fir-rigward tal-imghax hija l-istess skrittura ta' bejgh li tindika li dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-istess skrittura liema skrittura hija datata qabel it-12 t'April, 2018.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef u tmin mitt euro (€3800) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-12 t'April, 2018 kontra l-istess konvenut.

---

**Av. Dr. Philip M. Magri**
**Gudikatur**